"Fil-qabda din il-ħamra nsibha aħjar, għall-ħarifa taqbel iżjed."

"Mela ser inqieslek il-ħamra."

"Li ma kienx il-kappell magenta ma kontx naħsibha darbtejn. Narġa' ndur għall-griża."

"Kif jogħġbok."

"Fuq il-griż tilbes li trid bla biża' ta' xejn."

"Iva, il-griż aktar mexxej."

"M'hux għax l-aħmar fih xi tmaqdar." Għandi ġakketta bil-bizzilla sewda ma taqtax ftit fuq libsa ħamra."

"Jien naħseb li int aktar marbuta mal-ħamra.

"Hekk hu. Imma ara mill-bogħod x'dawl għandu ħelu dak il-griż.—Dan nofs in-nhar? Ġieżu x'ħin sar! u żewġi kellu jistennieni għand Meli. Narġa' ngħaddilek għada sur Nettu."

"Bon ġornu. Nerfaħhomlok il-pezez biex tagħżel, sa'a Żeż.'

"Sa għada nkun ħsibtha liema nieħu."

Aktarx il-għada Żeżina taqta' libsa lewn it-terrakotta li tkun taqblilha mal-kappel magenta u mal-kappa bil-bizzilla sewda . . .

Belinn, żewġ Żeżina, m'hux fitt għax mita jixtri xi ħaġa mal-ħaġra t-tajn. Iżda l-ħali għandu tiegħu wkoll. Hekk malmara kemm mal-ħbieb dejjem iridha kif taqbel lilu.

Alla jħares min imerih lil Belinn; jirgħax jekk twissih, imqar bil-ħlieqa, jew twiddbu, jew tlumu, ikollok toqgħod għalli jgħid u tmur miegħu, jagħmel x'jagħmel u jgħid x'igħid.

Għandu f'rasu li hu biss raġel, li hu ma jarra qatt. Ħaddieħor jista' jkun li jitfixkel, jinsa, jieħu ħaġa b'oħra, huwa le, għax dejjem jara sewwa, jisma' tajjeb, jifhem sħiħ. Dak li jgħid ħaddieħor għalih ma jgħodd xejn, tiegħu tiegħu u tannies fin-nar.



Ara tmerih lil Belinn għax b'rasek idur, lilek igħoddok bi ħmar, mixtri, rasek qargħa, għajjur, bla ġieħ. Hu biss qatt ma jarra, hu bniedem tal-ħaqq u tar-ruħ. Jekk wieħed igħid quddiemu x'ikun ra, jew sama' jew qara, Belinn ikemmex xuftejh biex ifisser mill-ewwel li m'hux sejjer jemmnu għal kollox. Ħabibu aktarx kabbar, naqqas, nesa, tfixkel f'dak li jkun deherlu li ra, sama' jew qara.

Għalhekk, mhux biss il-mara, imma tista' tgħid ħbiebu kollha jersqu lejk bil-biża' u miegħu kliem mill-anqas.

Irġiel bħal Belinn jew tissabbar bihom jew jekk demmek spont, jagħtik li tarfa' idejk fuqhom jew titbiegħed minnhom ħin bla waqt, nies bħalu aqta' biċċa minn dejlek u erħilhom. Ara kemm hu hekk, mita wieħed minn ħbiebu jilmħu lil Belinn riesaq, jew jarġa' lura, jew jilwi ma' l-ewwel kantuniera, jew jidħol f'ħanut sa ma jgħaddi għax ħadd ma jrid u la kliemu u la mielu.

Jiena nagħli għal Belinn li jeħtieġlu jgħammar ma' Żeżina li qadd ma taf sewwa xi trid, imma aktar nagħder lil martu li tgħix ma' min ma jaqbilha ma' ħadd u li jaħseb li barra minnu ma hawnx nies sewwa bħalu fid-dinja.

T. Z.

# IR-RAŻNA

Meta fuq triqtek jasal
xi jfixklek u xi jżommok,
għafas il-lġiem lil-qalbek,
qiegħed idek fuq fommok:
  għax id-dagħdigħa tkattar
il-hemm li nkunu fih;
is-sliem jiġi mas-sabar,
u l-hemm itir mar-riħ.

15-5-33 — Dun Karm